

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 54/2009

tal-21 ta' Jannar 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 669/97 fir-rigward tal-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità għal ċerti ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

raġunijiet ta' simplifikazzjoni u biex tkun żgurata ġestjoni effeċċenti b'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, dik is-sistema ta' ġestjoni għandha tintuża għall-kwoti tariffarji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 669/97.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 669/97 tal-14 ta' April 1997 li jiftaħ u jipprovdni għall-amministrazzjoni tal-kwoti u l-limiti tat-tariffi tal-Komunità, li jiddefinixxi d-dispożizzjonijiet dettaljati li jemendaw u jadattaw dawn il-miżuri u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1983/95⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bejn il-KE u d-Danmarka/il-Gżejjer Faroe Nru 2/2008 (2008/957/KE)⁽²⁾ emendat it-Tabelli I u II tal-Anness għall-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea fuq naħa u l-Gvern tad-Danmarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe fuq in-naħa l-oħra.
- (2) Fil-Protokoll 1 emendat tal-Ftehim hemm dispożizzjoni għal tliet kwoti tariffarji ġodda fis-sena li jkopru l-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe. Il-kwoti tariffarji il-ġodda għandhom japplikaw mill-1 ta' Settembru 2008. Sabiex ikunu implimentati dawn il-kwoti tariffarji ġodda, jeħtieġ li tkun aġġustata l-lista ta' ħut u prodotti tal-ħut soġġetti għall-kwoti tariffarji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 669/97.

- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistipula d-dispożizzjoni jiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità⁽³⁾, jipprovdni għal sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji, imfassla biex tintuża skont l-ordni kronoloġika tad-dati tal-approvazzjoni tad-dikjarazzjoniċi doganali. Għal

(4) Għas-sena 2008, il-volumi tal-kwoti tariffarji stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jiġu kkalkulati bħala pro rata tal-volumi bażiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 2/2008 (2008/957/KE), proporzjonatamente ma' dik il-parti tas-sena li tkun għaddiet qabel japplikaw il-kwoti tariffarji.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 669/97 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Skont id-Deċiżjoni (KE) 2/2008 (2008/957/KE), il-kwoti tariffarji l-ġodda għandhom japplikaw mill-1 ta' Settembru 2008. Dan ir-Regolament għandu għal-hekk japplika mill-istess data.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 669/97 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji stipulati f'dan ir-Regolament għandhom ikunu amministrati skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.”

⁽¹⁾ ĠU L 101, 18.4.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 338, 17.12.2008, p. 72.

⁽³⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

(2) L-Anness huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 669/97 jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

In-Nru tasserie	Il-Kodiċi NM	Is-suddiviż-joni tat-TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju	Il-volum tal-kwota ftunnellati
"09.0672	ex 0305 59 80	80	Il-Pollakkju (<i>Pollachius Virens</i>), immellaḥ u mnixxef	0	Mill-1.9 sal-31.12.2008: 250 Mill-1.1.2009 sal- 31.12.2009 u mill-1.1 sal-31.12 ta' kull sena sussegwenti: 750
09.0674	ex 0307 91 00 ex 0307 99 18 ex 1605 90 30	10 10 30	Il-bronja komuni (<i>Buccinum Undatum</i>), ħajja, friska, imkessħa, iffriżata, ippreparata jew ippriżer-vata	0	Mill-1.9 sal-31.12.2008: 400 Mill-1.1.2009 sal- 31.12.2009 u mill-1.1 sal-31.12 ta' kull sena sussegwenti: 1 200
09.0676	ex 0306 14 90	10	Il-granċ tal-ispeċi <i>Geryon affinis</i> , iffriżat	0	Mill-1.9 sal-31.12.2008: 250 Mill-1.1.2009 sal- 31.12.2009 u mill-1.1 sal-31.12 ta' kull sena sussegwenti: 750"